# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, l-Erbgħa, 16 ta' Marzu, 2016

**Kawża Numru 2 (Kost.)**

**Rik. Nru. 76/15JRM**

Ivan Gerald **ŻAMMIT**

vs

**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA** u P.S. 928 Ramon Mifsud

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment wara talba li saret mill-għaref difensur tar-rikorrent waqt is-smigħ tad-9 ta' Diċembru, 2015[1], u minnu mtennija fis-smigħ tas-17 ta' Frar, 2016[2], biex din il-Qorti tordna t-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-30 ta' Novembru, 2015, billi

[1] Paġ. 51 tal-proċess
[2] Paġ. 64 tal-proċess

din tressqet wara ż-żmien li kien ingħatalu minn din il-Qorti bid-degriet mogħti waqt is-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2015[3];

Rat l-atti kollha tal-kawża sa dan l-istadju;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Frar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment dwar it-talba tar-rikorrent;

***Ikkunsidrat:***

Illi dan huwa provvediment dwar it-tneħħija mill-atti tal-kawża ta' Tweġiba li tressqet wara li kien għalaq iż-żmien ta' għoxrin (20) jum minn dak inhar li l-parti li ressqitha kienet laqgħet in-notifika tal-atti tar-rikors promotur. Ir-rikorrent jisħaq li l-imsemmija Tweġiba jmissha titneħħa mill-atti tal-kawża minħabba li tressqet wara ż-żmien mogħti lill-intimat Mifsud;

Illi meta saret it-talba, l-avukat difensur tal-imsemmi intimat stqarr li jieħu fuqu r-responsabbilta' tat-tressiq wara ż-żmien tal-imsemmija Tweġiba u qal li dan kien biss b'nuqqas tiegħu stess li bi żvista ma żammx maż-żmien mogħti lill-patroċinat tiegħu;

Illi waqt is-smigħ tal-4 ta' Novembru, 2015 (li kien il-jum meta l-kawża kienet appuntata għall-ewwel smigħ), l-intimat kien deher għall-kawża mgħejjun minn avukat u iddikjara li kien qiegħed jikkontesta t-talbiet tar-rikorrent u talab żmien biex jitħalla jressaq Tweġiba biex tirribatti l-pretensjonijiet tal-istess rikorrent;

Illi f'dak is-smigħ, il-Qorti kienet tat lill-intimat Mifsud għoxrin jum minn dakinhar biex iressaq it-tweġiba tiegħu;

Illi minkejja li ż-żmien li ngħata kien jagħlaq fl-24 ta' Novembru, 2016, l-intimat Mifsud ressaq it-Tweġiba fit-30 ta' Novembru, 2015. Mill-atti jidher li t-tweġiba ma ressaqhiex l-intimat, imma tressqet mill-avukat difensur tiegħu permezz ta' prokuratur legali;

Illi huwa miżmum li ż-żmien mogħti minn qorti f'degrieti li jingħataw matul is-smigħ tal-kawża ma huwiex perentorju, u jrid jingħaraf miż-żmien li l-

[3] Paġ. 41 tal-proċess

liġi tagħti lil parti biex tressaq att ġudizzjarju, kemm oriġinali[4] u kemm bħala tweġiba[5], jew fi grad ta' appell[6]. F'każijiet bħal dawn, fejn it-terminu jkun wieħed pertentorju, ma jingħata l-ebda tiġdid taż-żmien jekk kemm-il darba dak iż-żmien jilħaq jgħaddi għalxejn[7];

Illi, min-naħa l-oħra, huwa stabbilit li t-termini ġudizzjarji mogħtijin f'degrieti ma humiex ta' xejra perentorja, u n-nuqqas ta' tħaris tagħhom minn xi parti ma jxejjinx id-dritt tal-parti[8];

Illi minbarra li qorti tista', għal raġuni li jidhrilha li tkun waħda tajba tibdel degrieti li tkun tat ladarba dawn ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom[9], huwa aċċettat u stabbilit ukoll li terminu ġudizzjali mhux legali (jiġifieri wieħed mhux perentorju) jista' raġonevolment jinbidel minn qorti li tkun stabbilietu jew saħansitra minn qorti fi grad tal-appell[10];

Illi ż-żmien biex wieħed iressaq Tweġiba f'kawża dwar ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali ma huwiex stabbilit fil-liġi u jidher li għalih jgħodd dak li jistabilixxi l-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[11];

Illi taħt il-Kodiċi msemmi, in-nuqqas ta' parti mħarrka li tressaq fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika lilha ta' Rikors Maħluf ifisser li dak l-att ikun iddaħħal wara ż-żmien maħsub mill-istess liġi u, kif ta' spiss jiġri, iwassal lill-parti attriċi biex (bħal fil-każ tar-rikorrent fil-każ tallum) titlob it-tneħħija tal-att imressaq wara ż-żmien, bil-konsegwenza li l-parti mħarrka tinġieb kontumaċi;

Illi kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja ma għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qiegħed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja ġeneralment titqies bħala kontestazzjoni[12], u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh

---

[4] Ara, b'eżempju, l-art 843(1) tal-Kap 12
[5] Ara l-art 158(1) tal-Kap 12
[6] Ara art. 226(1) tal-Kap 12
[7] App. Inf. PS **6.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Abela vs Aplan Limited et***; App. Inf. PS **12.2.2010** fil-kawża ***Mirjana Kovecevic vs Myoka Management Ltd.***; u P.A. MCH **23.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard John Bridge vs On. Ministru tal-Ġustizzja u Intern et*** (konfermata fil-Qorti tal-Appell fis-**16.4.2012**)
[8] Kost. **30.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Portelli vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.25**)
[9] Art. 230 tal-Kap 12
[10] App. Ċiv. **6.7.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone noe vs Mousu' pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.244**)
[11] Ara reg. 7 tal-A.L. 279/08 (L.S. 12.09)
[12] Ara App. Ċiv: **6.11.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġ. Ġerada vs S. Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)

bħala għamil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali[13];

Fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, ma għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikabbli[14]**;**

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikabbli u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti ohra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti tal-kawża, sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża; (ċ) li jeħtieġ li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha jrid ikun dak li bnadi oħra ssejjaħ bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss, waħda morali[15];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja b'tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-aħħar żminijiet u għarfu u fissru bejn dik il-parti mħarrka li turi disinteress assolut u l-oħra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawża u li ma laħqitx għamlet dan jew ma laħqitx użat il-mezzi li tagħtiha l-liġi għal raġuni li ma kinitx taħti għaliha[16];

---

[13] Ara App. Ċiv.: **21.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.170**)
[14] Ara. P.A. S.P. **4.7.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul***
[15] Ara. Per eżempju App. Ċiv: **12.12.1975** fil-kawża fl-imsijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi***; u P.A. G.V. **27.2.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb***.
[16] Ara P.A. **9.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Beacom vs Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**) u P.A. RCP **5.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Cutajar et vs Mariano Farruġia et***

Illi dwar x'iwassal li kontumaċja titqies bħala waħda kolpuża, inghad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . .Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ"[17];

Illi min-naħa l-oħra, il-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun. Il-ħarsien ta' dan il-prinċipju, b'mod partikolari f'kawża fejn jitressaq ilment dwar ksur ta' jedd fundamentali, jieħu dimensjoni aqwa u jirrifletti sewwa l-atteġġament ta' parti li tkun tidher li naqset mit-tħaris taż-żmien mogħti lilha biex tieħu sehem fil-kawża[18] ;

Illi, fil-każ partikolari, kif ingħad qabel, ir-raġuni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrent biex jitlob it-tneħħija tat-Tweġiba tal-intimat mill-atti tal-kawża hija li dan naqas li joqgħod mad-degriet li ngħata li stabilhielu ż-żmien sa meta messu ressaq dik it-Tweġiba. Ħareġ ukoll li n-nuqqas ta' tressiq f'waqtu ma kienx ħtija tal-intimat imma tal-avukat imqabbad minnu. Il-Qorti tqis ukoll li l-intimat Mifsud deher quddiemha u f'kull smigħ sa mill-bidunett tal-kawża, wkoll meta r-rikorrent naqas li jagħmel dan;

Illi fil-fehma tal-Qorti, dan juri li l-intimat Mifsud ma kienx traskurat fl-imġiba tiegħu u li dak li ġara jidher li seħħ minkejja fih. F'dan ir-rigward, il-Qrati tagħna għarfu bejn dawk il-każijiet fejn l-imġiba ta' avukat imqabbad tempestivament mill-parti mħarrka wasslet biex din taqa' kontumaċi[19] (f'liema każ il-Qorti normalment tippermetti li l-imħarrek jitħalla jikkontesta l-kawża) minn dawk fejn il-parti mħarrka ma tersaqx għand avukat f'waqt xieraq, jew tibqa' tittrattjeni sal-aħħar, jew tonqos li tikkomunika kif imiss ma' avukat b'impenn serju li ma tħallix iż-żmien għat-tressiq tat-Tweġiba Maħlufa jitħalla jgħaddi għal xejn[20];

---

[17] App. Kumm. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Delċeppo vs Bondin et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.28**)
[18] Ara P.A. LM **11.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Renato Aquilina et vs Christopher J.A. Townshend et*** (*in parte*) għal tifsira mirquma u studjata tal-elementi tal-kontumaċja ġustifikabbli
[19] Ara, per eżempju, P.A.RCP **16.3.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Christopher Muscat vs Raymond Buġeja noe***
[20] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **4.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech et noe vs Merċieca Ċianċio*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.143**)

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li, fuq is-saħħa tal-prinċipji hawn fuq imsemmija, ma temminx li għandha tilqa' t-talba tar-rikorrent biex tordna t-tneħħija tat-Tweġiba tal-intimat Mifsud mill-atti tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-episodju presenti billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrent magħmula waqt is-smigħ tad-9 ta' Diċembru, 2015, għat-tneħħija mill-atti tal-kawża tat-Tweġiba mressqa mill-intimat Ramon Mifsud fit-30 ta' Novembru, 2015;

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jibqgħu riservati għad-deċiżjoni finali.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**

**16 ta' Marzu, 2016.**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**16 ta' Marzu, 2016.**